**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 ta' Marzu, 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Roberta Borg detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 298583(M).**

***Kumpilazzjoni Nru.: 125/2025***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Roberta Borg** u ċioe talli:

Fl-erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet ta' wara fl-Isptar Sir Paul Boffa, il-Furjana, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ossia bħala nutar pubbliku, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħha, għamlet falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem jew billi daħlet ismijiet ta' persuna/i mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa u dan ai termini tal-Artikolu 179 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ossia bħala nutar pubbliku, kitbet atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tagħha, u bidlet bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżlet pattijiet diversi minn dawk li kienu ġew deddati jew magħmula mill-partijiet,

kemm billi ddikjarat bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma jkunux u dan ai termini tal-Artikolu 180 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi, sabiex tikseb vantaġġ jew benefiċċju għaliha innifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tgħat tagħrif falz, u dan ai termini tal-Artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, u dan ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tapplika il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa u dan ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tordna li din tkun skwalifikata għal dak iż-żmien li l-Qorti jidrilha xieraq minn dak il-*warrant*, liċenzja jew awtorità ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum 5 ta' Marzu, 2025, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioè wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk riedet, terġa lura minnha u dan anke billi ikkonsultat mal-legali tagħha hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.
Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

**PIENA**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammissjoni bikrija tal-imputata, taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ minn fejn jirriżulta li l-imputata kienet vittma hi stess fejn kienet qed tiġi rikattata u sfruttata, tal-kooperazzjoni kbira li wriet mal-pulizija kif ukoll tal-fedina penali netta tagħha.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 179, 180, 188(1) u 189 tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lil Roberta Borg taħt Ordni ta' Probation għal zmien tlett (3) snin millum.

Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jingħatawlha fil-perjodu ta' superviżjoni

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikoli 190 tal-Kodiċi Kriminali, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputata l-**interdizzjoni ġenerali perpetwa** u ghal dan il-għan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal- Kodiċi Kriminali,

Tordna li s-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation and Parole.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**